# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 20 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 28**

**Citaz. Nru. 898/01GV**

**Michael Attard Ltd.**

**vs**

**Raymond u Philomena konjugi Buhagiar**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-konvenuti accettaw u ffirmaw a favur tas-socjeta' attrici diversi kambjali;

Premess illi l-konvenuti llum jinsabu debituri lejn is-socjeta' attrici fis-somma ta' erbatax il-elf erba' mija u disgha u sebghin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm14,479.76) rapprezentanti bilanc ta' import ta' zewg kambjali skaduti, accettati u ffirmati mill-konvenuti;

Premess illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu permezz ta' ittra bonarja datata 12 ta' Frar, 2001 u ohra datata 25 ta' April, 2001 pero' dawn baqghu inadempjenti;

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta' attrici l-konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu ghall-hlas ta' dan id-debitu;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 - 170 tal-Kapitolu 12;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' erbatax il-elf erba' mija u disgha u sebghin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm14,479.78) rapprezentanti bilanc ta' import ta' zewg kambjali skaduti, accettati u firmati mill-konvenuti;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittri bonarji datati 12 ta' Frar, 2001 u 25 ta' April, 2001 u tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju u Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju u bl-imghax kummercjali mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil konvenuti li naqsu li jjpprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**